



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2018
COM(2018) 445 final

2018/0235 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi

{SWD(2018) 325 final} - {SWD(2018) 326 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

Il-fużjoni mistennija li jkollha rwol importanti fil-pajsaġġ tal-enerġija tal-ġejjieni tal-Ewropa bħala sors tal-enerġija Prattikament ineżawribbli li ma jagħmilx ħsara għall-klima. Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tfittex li tiżgura l-finanzjament għal parteċipazzjoni Ewropea kontinwa fil-proġett ITER li jimmira għal skoperti xjentifiċi ewlenin fl-iżvilupp tal-fużjoni. Huwa importanti, b'mod partikolari, wara l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima u l-impenn tal-UE biex twitti t-triq għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'mod kosteffettiv.

Il-parteeipazzjoni Ewropea f'ITER hija bbażata fuq il-Ftehim ITER iffirmit f'Novembru 2006 bejn seba' sħab globali, il-Euratom, l-Istati Uniti, il-Federazzjoni Russa, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u l-Indja. ITER jirrappreżenta proġett uniku, l-ewwel ta' din ix-xorta, li ġie żviluppat permezz ta' kollaborazzjoni xjentifika internazzjonali li tippermetti s-sinerġiji u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji li ma jkunux possibbli għal stat wieħed.

Bħala l-Parti Ospitanti tal-proġett skont il-Ftehim ITER, l-Ewropa għandha impenn legali aktar b'saħħtu skont il-Ftehim ITER u għalhekk qed tmexxi dan il-proġett b'shem ta' 45% tal-kostijiet tal-kostruzzjoni¹ (l-ishma l-oħra tal-Membri tal-ITER huma madwar 9% kull wieħed) biex tiżgura t-tlestija fil-ħin tal-kostruzzjoni. Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (2007/198/Euratom) tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi fuqha biex ttipprovdi l-bażi għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' din l-Impriża Konġunta (minn hawn 'il quddiem "Fużjoni għall-Enerġija") għall-perjodu 2021-2027 skont it-Trattat Euratom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2007 kienet diġà ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom tat-13 ta' Diċembru 2013 biex tippermetti l-finanzjament tal-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija. Din il-proposta, li ssegwi l-istess loġika, hija bbażata fuq l-Artikolu 47 tat-Trattat Euratom u tirreferi għall-parteeipazzjoni tal-Euratom fil-finanzjament tal-Impriża Konġunta matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

L-emenda proposta bħalissa tippermetti li jiġi żgurat il-finanzjament tal-proġett għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss filwaqt li ma twaqqafx il-kontribuzzjonijiet volontarji mill-Membri tal-Impriża Konġunta għajr il-Euratom kif previst fl-Artikolu 12(1)(c) tal-Istatuti ta' dik l-Impriża.

Fl-2016, il-Kunsill ITER approva skeda aġġornata u l-istimi tal-kostijiet assoċjati għat-tlestija tal-kostruzzjoni tal-ITER. L-iskeda l-għdida timmira l-kisba tal-Ewwel Plażma f'Diċembru 2025, bħala l-aktar data bikrija li tista' tintlaħaq teknikament għall-kostruzzjoni tal-ITER, b'operazzjoni bi prestazzjoni sħiħa, bl-użu ta' fjuwil tad-dewterju-tritju (l-hekk imsejħa fażi

¹

Skont il-kondiviżjoni tal-Kostijiet għall-Fażijiet kollha tal-Proġett ITER miftiehem fl-2006 bejn il-Partijiet għall-ITER. Din id-distribuzzjoni tal-kostijiet se tinbidel fil-fażi operazzjonali, u l-Ewropa se ttipprovdi 34 % minnhom.

tad-Dewterju-Tritju) stmata fl-2035. Din l-iskeda, flimkien mal-kostijiet riveduti assoċjati², tiffirma l-bażi tal-linja bażi l-ġdida tal-proġett ITER; ma tinkludix il-kontinġenżi u għalhekk tassumi li r-riskji maġġuri kollha jistgħu jiġu mitigati.

Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE "Il-kontribuzzjoni tal-UE lejn il-Proġett ITER riformat"³ tal-14 ta' Ġunju 2017 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja, il-Kummissjoni ppreżentat stimi tal-kost għall-fażi tal-kostruzzjoni (għall-Ewropa biss). Għall-perjodu 2021-2027, l-ammont mill-baġit tal-UE⁴, inkluż in-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni relatata mal-kompiti tal-Fużjoni għall-Enerġija u kwalunkwe attività rilevanti oħra, ġie⁵ stmat għal madwar EUR 6.1 biljun (f'valur attwali)⁶.

Fit-12 ta' April 2018, il-Kunsill tal-UE silet konklużjonijiet abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u afferma mill-ġdid l-impenn kontinwu tal-Euratom biex il-proġett ITER jitlesta b'suċċess. Il-Kunsill iddikjara li se jagħmel ħiltu biex jagħmel disponibbli r-riżorsi għall-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Fuq din il-bażi, f'laqgħa tal-Kunsill ITER fil-livell Ministerjali, il-Kunsill, f'isem il-Euratom, ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova l-linja bażi l-ġdida tal-proġett ITER (ambitu, skeda u kostijiet)..

It-trasferiment tal-fondi se jkun allinjat mal-perjodu kopert mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali u se jibqa' għaddej għal seba' snin. Skont il-Ftehim ITER, il-proġett ITER se jkollu tul ta' żmien inizjali ta' 35 sena (jiġifieri sal-2042); għalhekk, se jkunu meħtieġa Deċiżjonijiet tal-Kunsill sussegwenti sabiex jitkompla l-finanzjament tal-kontribuzzjoni tal-Euratom għal dan il-proġett.

Il-kostruzzjoni u l-operazzjoni b'suċċess tal-ITER jinsabu fuq il-perkors kritiku tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni, li jirrappreżenta perkors komprensiv għall-fużjoni bbażat fuq il-ksib tal-għanijiet u ġie approvat mill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fir-riċerka dwar il-fużjoni fl-Ewropa⁷. Din id-Deċiżjoni se tiffaċilita sinerġiji u kumplimentaritajiet mal-attivitajiet tar-riċerka dwar il-fużjoni ffinanzjati permezz tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2021-2025⁸. Din id-Deċiżjoni se tippermetti wkoll li jitlestew l-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-Ftehim dwar Approċċ Usa' konkluż bejn l-Euratom u l-Ġappun u li tiġi kkumplimentata l-kollaborazzjoni internazzjonali fil-qafas tal-Ftehim ITER.

Il-proposta tħejjiet sabiex tiżgura interazzjonijiet mill-qrib ma' programmi oħra, jiġifieri l-proposti FP9 tal-UE u FP9 tal-Euratom. Ir-raġunament huwa pjuttost ċar billi ITER huwa proġett innovattiv, l-ewwel ta' din ix-xorta fil-qasam tal-enerġija, li jeħtieġ appoġġ mill-qrib mil-lat tar-riċerka u l-innovazzjoni, imwettqa b'mod partikolari permezz tal-programmi ta' riċerka tal-Euratom, iżda anki permezz tal-programmi ta' riċerka tal-UE. F'dan ir-rigward it-

² L-istimi tal-kostijiet riveduti ġew approvati mill-Kunsill ITER *ad referendum*, sakemm jittieħdu d-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet baġitarji tal-Partijiet għall-ITER.

³ COM(2017) 319 tal-14.06.2017 u l-SWD (2017)232 li jakkumpanja

⁴ Minbarra l-finanzjament mill-baġit tal-UE, Franza, bħala Stat Ospitanti tal-proġett, bħalissa tikkontribwixxi direttament fil-baġit tal-F4E (Fużjoni għall-Enerġija) b'madwar 20 % tal-kontribuzzjoni tal-Euratom. Barra minn hekk, kull sena, il-Membri F4E jħallsu kontribuzzjoni ta' sħubija lill-Impriża Konġunta.

⁵ SWD(2017)232, Tabella 4, p.24

⁶ Din l-istima ma tinkludix il-kontinġenżi fuq l-iskeda u l-kost.

⁷ <https://www.euro-fusion.org/eurofusion/roadmap/>

⁸ Ara l-proposta tal-Kummissjoni COM (2018)437

testi taż-żewġ programmi (FP9 Euratom u FP9 UE) taħt il-QFP li jmiss ġew rinforzati biex jiżguraw li l-interazzjonijiet neċessarji relatati mal-ITER ikunu ddikjarati biċ-ċar.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Din il-proposta tqis bis-sħiħ ir-risposti għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li kienet organizzata taħt il-koordinazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea u kienet immedija fl-10 ta' Jannar u baqgħet sejra sat-8 ta' Marzu 2018. Barra minn hekk, il-proposta tqis bis-sħiħ il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mwettqa matul l-attivitajiet ta' tħejjija li inkludew evalwazzjoni *ex ante* u avvenimenti u sħarriġiet tal-partijiet ikkonċernati. Filwaqt li l-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa ma qajmux kwistjonijiet partikolari rigward il-kontinwazzjoni tal-finanzjament tal-ITER, konsultazzjonijiet iffukati mal-partijiet ikkonċernati kkonfermaw li l-investment tal-UE fil-konstruzzjoni tal-ITER qed iġib benefiċċji importanti għall-industrija Ewropea u l-komunità tar-riċerka. Dan ġie mtenni waqt avveniment industrijali organizzat f'Diċembru 2017 li wera li l-fużjoni diġà qed tagħti opportunitajiet konkreti għall-industrija u qed ikollha effett pożittiv fuq l-impjiegi, it-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni, b'impatt pożittiv lil hinn mill-oqsma tal-fużjoni u l-enerġija. L-istudji indipendenti kkummissjonati għall-preparazzjoni tal-evalwazzjoni *ex ante* pprovdew kwantifikazzjonijiet ta' impjiegi maħluqa u valur miżjud nett iġġenerat mill-parteċipazzjoni Ewropea fil-proġett ITER.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, meta wieħed iqis il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2018, din il-proposta se tipprovdi kontinwità għall-proġett, b'mod partikolari fir-rigward tas-sħab internazzjonali, u se tiżgura l-finanzjament tal-ITER għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Minħabba l-kontinwità tagħhom f'termini tal-kontenut u tal-istruttura u/jew tad-daqs tal-baġit, ġie identifikat numru limitat ta' proposti li jenħtieġ li ssirillohom valutazzjoni *ex ante* fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni minflok valutazzjoni tal-impatt. ITER, flimkien ma' programmi oħra bħall-Fiscalis, l-Għajnuna Umanitarja, il-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni, ġie indikat li ma jeħtieġx valutazzjoni tal-impatt iżda pjuttost evalwazzjoni *ex ante* fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju tal-UE.

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-bażi ġuridika għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija prevista bl-Artikolu 47 tat-Trattat Euratom. Din id-Deċiżjoni għandha tikkostitwixxi l-att bażiku għall-perjodu kopert mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u għandha tkun il-bażi għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji annwali mill-Kummissjoni. Dawn id-deċiżjonijiet se jippermettu lill-Kummissjoni tittrasferixxi l-fondi lill-Fużjoni għall-Enerġija matul il-perjodu 2021-2027.

Din id-Deċiżjoni għandha wkoll tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni relatata mal-Fużjoni għall-Enerġija, l-Organizzazzjoni ITER, l-Approċċ Usa' u kull attività rilevanti oħra għall-perjodu 2021-2027.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-"dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva" meħmuża ma' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha.

5. PJANIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI U ARRANĠAMENTI DWAR IL-MONITORAĠĠ, L-EVALWAZZJONI U R-RAPPORTAR

Huwa maħsub li l-baġit ikompli jiġi implimentat għall-parteċipazzjoni Ewropea f'ITER permezz tal-użu ta' Impriża Konġunta. Fl-2007, l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta skont il-Kapitolu 5 tat-Trattat Euratom kien ikkunsidrat bħala l-aktar soluzzjoni xierqa biex jitwettqu l-obbligi tal-Euratom lejn l-Organizzazzjoni ITER skont il-konklużjoni tal-Ftehim ITER mill-Euratom. Minn dakinhar, din l-adeqwatezza ġiet ikkonfermata minn diversi reviżjonijiet u valutazzjonijiet indipendenti.

Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-Impriża Konġunta (F4E) tfassal dokument ta' programmar li fih programmazzjoni pluriennali u annwali. L-abbozz tad-dokument tal-programmazzjoni jintbagħat lill-Bord tat-Tmexxija tal-F4E, lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena. Il-Kummissjoni tibgħat l-opinjoni tas-servizzi rilevanti tagħha dwar dan id-dokument lill-F4E.

L-ippjanar ġenerali u l-Programm ta' Ħidma annwali tal-Impriża Konġunta (F4E) jispeċifikaw l-iskeda taż-żmien għall-kisba ta' dawn l-oġġettivi li jkopru l-attivitajiet tal-akkwist matul il-kostruzzjoni tal-ITER. L-F4E tirrapporta regolarment għand il-korp ta' governanza tagħha (il-Bord tat-Tmexxija fejn il-Euratom huwa rrappreżentat mill-Kummissjoni) u għand il-Kunsill tal-UE dwar il-progress tal-proġett.

Fl-2017, ġiet introdotta serje sħiħa ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin iddedikati għall-monitoraġġ speċifiku tal-iskeda u l-prestazzjoni tal-kostijiet biex jiġu mmonitorjati aħjar il-progress u l-effiċjenza tal-F4E fit-twassil tal-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-proġett ITER. Rapport fil-forma ta' dashboard ibbażat fuq dawn l-indikaturi jintbagħat regolarment lill-Bord tat-Tmexxija. Dawn jinkludu metriċi bbażati fuq sistema ta' Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat.

Fil-livell tal-proġett ITER ġenerali, l-Organizzazzjoni ITER tirrapporta lill-Kunsill ITER fuq dashboard simili ta' indikaturi tal-prestazzjoni, inkluż il-perċentwal tat-tlestija fiżika tal-kostruzzjoni għall-Ewwel Plażma. F'Diċembru 2017, dan l-indikatur laħaq 50 % u għandu jilħaq il-100 % meta tintlaħaq l-Ewwel Plażma prevista għal Diċembru 2025.

Fil-kuntest tal-ippjanar u tal-monitoraġġ tal-ġestjoni interna tal-Kummissjoni, qed jiġi propost li jintużaw żewġ indikaturi li għandhom jirrapportaw dwar il-progress tal-proġett lejn il-kisba tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu. L-ewwel indikatur ikun il-"perċentwal tat-tlestija tal-kostruzzjoni tal-ITER" u t-tieni "l-perċentwal tal-obbligi in natura tal-Euratom koperti mill-F4E". Iż-żewġ indikaturi se jkunu bbażati fuq data rrapportata mill-Organizzazzjoni ITER.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tistabbilixxi għan aktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tal-klima fil-programmi kollha tal-UE, b'mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-UE tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-klima. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-programm għall-kisba ta' din il-mira ġenerali se tiġi mmonitorjata permezz ta' sistema li timmarka l-klima tal-UE f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi fejn dawn ikunu disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz tal-baġit annwali.

Biex tappoġġa l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-ITER li jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-klima, il-Kummissjoni se tfittex li tidentifika l-azzjonijiet rilevanti fil-proċessi tat-thejjja, tal-implimentazzjoni, tar-reviżjoni u tal-evalwazzjoni tal-programm.

Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjonijiet *interim* u *ex post* u setikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. L-evalwazzjoni se titwettaq skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-13 ta' April 2016⁹, fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jenħtieġ li jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-għażliet għal azzjoni ulterjuri. L-evalwazzjoni se tivvaluta l-effetti tal-ITER abbażi tal-indikaturi/tal-miri stabbiliti u analiżi dettaljata dwar kemm il-programm wera li huwa rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħra tal-UE. L-evalwazzjoni se tinkludi t-tagħlimiet meħuda biex jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas/problema jew kwalunkwe potenzjal għal titjib ulterjuri tal-azzjonijiet jew tar-riżultati tagħhom u biex jgħin l-isfruttament/l-impatt massimizzat tagħhom. Jekk l-evalwazzjoni *ex post* titwettaq qrib l-evalwazzjoni *interim* tal-perjodu suċċessiv, iż-żewġ evalwazzjonijiet jistgħu jingħaqdu f'waħda li tkopri perjodu itwal.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 14 tal-istatuti tagħha, l-F4E tfassal rapport annwali. Dan ir-rapport jirreġistra l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-F4E. Dan jitħejja mid-Direttur tal-F4E, jiġi valutat mill-Bord Amministrattiv u jintbagħat mill-Bord Amministrattiv, flimkien mal-valutazzjoni tiegħu, lill-Membri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 47 u l-Artikolu 48 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ITER¹⁰ ġie ffirmat f'Novembru 2006 mill-Euratom, l-Istati Uniti, il-Federazzjoni Russa, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u l-Indja. Il-Euratom, li skont il-Ftehim ITER huwa l-Parti Ospitanti, ħa t-tmexxija ta' dan il-proġett.
- (2) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom¹¹ stabbiliet l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Impriża Konġunta") biex tipprovdli l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem "il-Euratom") għall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER u għall-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun kif ukoll biex tipprepara u tikkordina programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-kostruzzjoni ta' impjant dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u faċilitajiet relatati.
- (3) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2007/198/Euratom jistipula li l-Impriża Konġunta jenħtieġ li jkollha regolament finanzjarju distint ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju¹² li jista' jiżvija minn dan tal-aħħar meta l-ħtiġijiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta jirrikjedu dan u soġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni. It-Titolu IV tar-regolament finanzjarju tal-Impriża Konġunta jirregola l-implimentazzjoni tal-baġit.
- (4) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom ipprovdiet ammont finanzjarju ta' referenza meqjus bħala neċessarju għall-Impriża Konġunta flimkien mal-kontribuzzjoni totali indikattiva tal-Euratom għal dak l-ammont, li jenħtieġ li jkun disponibbli permezz tal-programmi Komunitarji ta' riċerka u taħriġ li ġew adottati skont l-Artikolu 7 tat-Trattat jew permezz ta' kwalunkwe deċiżjoni oħra adottata mill-Kunsill.

¹⁰ ĠU L 358, 16.12.2006, p.62

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2007/198/Euratom) tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.03.2007, p. 58).

¹² Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42)

- (5) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2013/791/Euratom¹³ biex tippermetti l-finanzjament tal-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.
- (6) Linja bażi ġdida tal-proġett ITER, imħejjija bħala parti mit-titjib fil-ġestjoni tal-proġett, kisbet l-appoġġ tal-Kunsill ITER fl-2016 u l-2017 u sussegwentement intużat biex jiġu stmati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Impriża Konġunta. L-iskeda aġġornata tal-linja bażi l-ġdida tipprevedi l-kisba tal-Ewwel Plażma f'Diċembru 2025 u operazzjoni bi prestazzjoni sħiħa, bl-użu ta' fjuwil tad-dewterju-tritju, fl-2035. Din l-iskeda ma tinkludix il-kontinġenzi u għalhekk tassumi li r-riskji maġġuri kollha jistgħu jiġu mitigati.
- (7) Fit-12 ta' April 2018, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn kontinwu tal-Euratom għat-tlestija b'suċċess tal-proġett ITER u ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova l-linja bażi l-ġdida tal-proġett ITER f'isem il-Euratom f'laqgħa tal-Kunsill ITER fil-livell Ministerjali.
- (8) Din id-Deċiżjoni se tippermetti sinerġiji u kumplementaritajiet mal-attivitajiet ta' riċerka dwar il-fużjoni f'finanzjati permezz tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom. Il-konstruzzjoni u l-operazzjoni b'suċċess tal-ITER jinsabu fuq il-perkors kritiku tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni approvat mill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fir-riċerka dwar il-fużjoni fl-Ewropa.
- (9) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilew il-livell massimu tal-impenji tal-Euratom għall-ITER fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2021-2027 għal EUR 6.070.000.000 (bil-valuri kurrenti).
- (10) Filwaqt li tirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-UE biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, u l-impenn tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, din id-Deċiżjoni se tintegra l-azzjonijiet tal-klima u se twassal għall-kisba tal-mira ġenerali li 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet skont din id-Deċiżjoni mistennija jikkontribwixxu 100 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali ta' din id-Deċiżjoni għall-oġġettivi tal-klima. Matul l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tar-reviżjoni tagħha u tal-evalwazzjoni *interim*.
- (11) B'konformità mal-paragrafu 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, jenħteġ li l-ITER jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi tal-monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi. Fejn ikun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tal-effetti tal-ITER. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni se jiġu komunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. F'każ li l-perjodi tal-evalwazzjoni *ex post* u dik *interim* jkunu qrib xulxin, iż-żewġ evalwazzjonijiet jistgħu jingħaqdu f'waħda li tkopri perjodu kkombinat.
- (12) B'konformità mar-Regolament Finanzjarju, mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], mar-Regolament tal-Kunsill

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (2013/791/Euratom)(ĠU L 349, 31.12.2013, p. 100).

(Euratom, KE) Nru 2988/95[2], mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[3] u mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[4], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (13) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Komunità permezz ta' informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, fosthom il-media u l-pubbliku.
- (14) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom tiġi emendata biex tippermetti l-finanzjament tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta u l-attivitajiet relatati tal-Kummissjoni għall-perjodu 2021-2027 mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- (15) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom jenħtieġ li tiġi emandata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

3. Il-kontribuzzjoni indikattiva tal-Euratom lill-Impriża Konġunta għall-perjodu 2021-2027 u n-nefqa ta' appoġġ relatata għall-istess perjodu kif imsemmi fil-paragrafu 4 huma stabbiliti għal EUR 6.070.000.000 (f'valuri kurrenti)¹⁴.

- (2) Jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

4. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jkopri wkoll spejjeż għat-tnejn, il-monitoraġġ, il-verifiki, l-awditu, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nefqiet oħra meħtieġa għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tagħha. Barra minn hekk jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, laqgħat ta' esperti, kif ukoll spejjeż marbuta ma' networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, inklużi għodod korporattivi tat-teknoloġija

¹⁴ Meta wieħed iqis l-ispeċifità tal-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija, l-Artikolu 86.5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni m'għandux japplika.

tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(3) Jitħassar l-Artikolu 5b.

(4) Jiddaħħal l-Artikolu 5c li ġej:

Artikolu 5c
Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. Għandha titwettaq evalwazzjoni *interim* ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni fil-perjodu 2021-2027, iżda mhux aktar tard mill-2024.
3. Fi tmiem l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 4, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tad-Deċiżjoni mill-Kummissjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Jiddaħħal l-Artikolu 5d li ġej:

Artikolu 5d
Komunikazzjoni, viżibbiltà u pubbliċità

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Komunità għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Komunità (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż il-media u l-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' din id-Deċiżjoni, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat li għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġettivi msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.5. Durata u impatt finanzjarju
- 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata(i)
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.2. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
 - 3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impliżi ta' Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi.

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

1 - Riċerka u Innovazzjoni

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁵

☒ estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew dirottat ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implementazzjoni tal-inizjattiva*

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill se tippermetti l-kontribuzzjoni ta' fondi lill-Fużjoni għall-Enerġija biex twettaq il-kompiti assenjati lilha. Din id-Deċiżjoni se twassal biex l-Ewropa tagħmel il-kontribuzzjonijiet tagħha għall-kostruzzjoni tal-ITER matul il-perjodu 2021-2027 fejn il-proġett ITER se jilħaq l-ewwel plażma fl-2025. L-Ewropa qed tagħmel l-ikbar kontribuzzjoni għall-proġett (madwar 45 % tal-kostijiet tal-kostruzzjoni) u l-impatti ta' din id-Deċiżjoni se jkunu l-ikbar fl-Ewropa, kemm fuq terminu ta' żmien qasir (benefiċċji għall-industrija Ewropea) kif ukoll fit-tul (rwol prinċipali fl-isfruttar kummerċjali tal-enerġija mill-fużjoni).

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri wehdom.*

L-inizjattiva taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 101 tat-Trattat tal-Euratom. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

ITER huwa proġett fit-tul uniku u l-ewwel ta' din ix-xorta, li jikkontribwixxi ħafna għall-istrateġija fit-tul tal-UE għal enerġija nadifa, sigurtà tal-provvista u kompetittività. Bħala tali, ma jistax jiġi eżegwit permezz ta' inizjattiva tal-industrija f'dan l-istadju tal-iżvilupp teknoloġiku u l-intervent pubbliku huwa ġġustifikat. Dan l-investiment joffri lill-industrija Ewropej ta' teknoloġija avvanzata u lill-intrapriżi żgħira u medji (SMEs) opportunità prezzjuża biex jinnovaw u jiżviluppaw prodotti

¹⁵

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

"spin off" għal esplojtazzjoni barra mill-fużjoni (bħalma huma s-settur tal-enerġija usa', l-avjazzjoni, l-istrumenti mediċi u ta' teknoloġija għolja).

Peress li l-bażi ġuridika tal-ITER hija ftehim internazzjonali li għalih Euratom hija Parti, azzjoni fil-livell tal-UE hija aktar effettiva (inqas frammentazzjoni) u effiċjenti (valur aħjar għall-flus/ekonomiji ta' skala), u toffri koordinazzjoni ta' azzjonijiet (eż. fl-indirizzar tal-esternalitajiet) biex tissodisfa l-obbligi tal-UE. Ir-raggruppament tar-riżorsi u l-għarfien espert huwa ta' importanza kbira għall-kostruzzjoni tal-ITER u l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa b'mod partikolari biex tinkiseb massa kritika ta' riżorsi u għarfien foqasma, teknoloġiji u infrastrutturi u industriji tar-riċerka differenti meħtieġa għall-kostruzzjoni ta' proġett l-ewwel tat-tip. Dan ġie rikonoxxut b'mod espliċitu wkoll fid-"Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE" ta' Ġunju 2017, li jipproponi valur miżjud ċar meta azzjoni fil-livell Ewropew tmur lil hinn mill-isforzi nazzjonali - dan jinkludi "proġetti kbar u teknoloġiji abilitanti ewlenin, bħal [...] ITER (li) jistgħu jiġu ffinanzjati biss billi jinġabru r-riżorsi fil-livell tal-UE minħabba l-bżonnijiet għoljin haġna ta' finanzjament tagħhom".

Għaldaqstant, azzjoni fil-livell tal-UE tagħti riżultati li nefqa nazzjonali mhux ikkoordinata ma setgħetx tikseb f'termini ta' numru ta' prijoritajiet strateġiċi: i.) sigurtà tal-provvista; ii.) opportunitajiet għat-tkabbir u l-iżvilupp fit-tul tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-industrija Ewropej, u l-istrutturar tan-nisġa ta' R&Ż tal-UE; iii.) titjib fil-kwalità u l-innovazzjoni permezz ta' espożizzjoni għall-kompetizzjoni fl-UE kollha u dik globali, u iv) mobilizzazzjoni tal-potenzjal/tas-setgħa tan-negozjar tal-UE fl-livell globali.

1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-proġett Joint European Torus (JET) wera li l-bini u t-tħaddim ta' infrastruttura kbira ta' riċerka dwar il-fużjoni taħt il-koordinazzjoni tal-Euratom huma effiċjenti u jimmassimizzaw il-benefiċċji xjentifiċi u industrijali. Madankollu, l-iskala meħtieġa għall-kostruzzjoni tal-ITER hija bla preċedent u teħtieġ kollaborazzjoni fuq livell globali li għaliha m'hemmx eżempju fil-passat.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Din id-Deċiżjoni se tippermetti sinerġiji u kumplimentaritajiet mal-attivitajiet ta' riċerka dwar il-fużjoni u mal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom. L-attivitajiet ta' fużjoni f'dan il-qafas se jipprovdu kontribuzzjoni xjentifika importanti għall-kostruzzjoni u l-operat tal-ITER.

1.5. **Durata u impatt finanzjarju**

☒ **durata limitata**

– ☒ fis-seħħ mill-01/01/2021 sal-31/12/2027

– ☒ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹⁶

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

- ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☒ il-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

Il-ġestjoni se titwettaq mill-F4E taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Euratom fil-korpi tat-tmexxija kemm tal-Organizzazzjoni ITER (IO) kif ukoll tal-F4E. Filwaqt li l-Euratom jipprovdi madwar 80 % tal-baġit F4E, skont l-Istatuti attwali tal-F4E għandu 5 voti minn 72. L-F4E hija Impriża Konġunta stabbilita skont il-Kapitolu 5 tat-Trattat tal-Euratom. Skont l-Istatuti tagħha, l-F4E għandha l-proċedura ta' kwittanza baġitarja tagħha stess mill-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-UE.

¹⁶

Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Din id-Deċiżjoni se tiġi implimentata permezz tal-Kummissjoni u tal-F4E, li se tindirizza l-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-Proġett ITER u għal attivitajiet oħrajn relatati mal-ITER, bħall-attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun.

Din id-Deċiżjoni tipprovdi għal evalwazzjoni *interim* u finali tal-implimentazzjoni tagħha. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni se jiġu komunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Kummissjoni, f'isem il-Euratom, tipparteċipa fil-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Organizzazzjoni ITER u tal-F4E: 1) Il-Kummissjoni tipparteċipa fil-Kunsill ITER, u fil-Kumitati stabbiliti mill-Kunsill; 2) bħala membru tal-F4E, il-Kummissjoni tipparteċipa fil-Bord tat-Tmexxija u fil-Kumitati stabbiliti mill-Bord. Dawn l-istrutturi ta' governanza jintużaw għall-monitoraġġ tal-progress tal-proġett u l-prestazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu, fuq il-bażi tar-rappurtar u l-iżvelar mill-Organizzazzjoni ITER u F4E, rispettivament.

B'mod partikolari:

a) Skont l-Artikolu 6.d. tal-Istatuti tal-F4E, il-Bord ta' Tmexxija tal-F4E jadotta l-pjan tal-proġett, il-programm ta' ħidma, il-pjan tal-istimi tar-riżorsi, il-pjan tal-istabbiliment u l-pjan tal-politika tal-persunal. Skont l-Artikolu 6.e, il-Bord tat-Tmexxija jadotta wkoll il-baġit annwali. Ta' min jinnota li dawn id-dokumenti huma parti mid-dokument ta' programmar li, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-F4E tfassal kull sena u għandha tissottometti abbozz lill-Bord tat-Tmexxija, lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar. Il-Kummissjoni hija mitluba tagħti opinjoni dwar dan l-abbozz li għandha titqies mill-F4E biex tipproduċi l-verżjoni finali tad-dokument ta' programmar.

b) Skont l-Artikolu 14 tal-Istatuti tagħha, id-Direttur tal-F4E jipprepara rapport annwali li jirreġistra l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-F4E. Ir-rapport jiġi vvalutat mill-Bord tat-Tmexxija u mibgħut mill-Bord tat-Tmexxija, flimkien mal-valutazzjoni tiegħu, lill-Membri tal-F4E, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-F4E tirrapporta wkoll lill-Kunsill kull sena dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għat-trażżin u l-iffrankar tal-kostijiet kif ukoll fuq il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-F4E u fuq il-proġett ITER. L-F4E tirrapporta wkoll darba fis-sena lill-Kunsill dwar it-twettiq tal-attivitajiet skedati fil-baġit annwali tagħha.

c) Bejn ir-rapporti formali, f'intervalli ta' kull xahar, l-F4E tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha u dwar il-progress fuq stadji ewlenin stabbiliti biex jissorveljaw l-attivitajiet ta' kostruzzjoni u akkwist taħt ir-responsabbiltà tal-F4E.

d) Fil-livell tal-monitoraġġ ġenerali tal-proġett, id-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni ITER jippreżenta darbtejn fis-sena lill-Kunsill ITER u lill-Kumitat Konsultattiv ta' Ġestjoni tiegħu, rapport dwar il-progress tal-proġett, dwar l-implimentazzjoni tiegħu u dwar il-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni tal-kostijiet. Bejn dawn ir-rapporti, l-Organizzazzjoni ITER tirrapporta kull xahrejn permezz ta' sett ta'

dashboards li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-baġit, il-ġestjoni tar-riskju, l-attivitajiet tal-akkwist u l-progress fuq miri importanti għall-komponenti ewlenin fuq il-perkors kritiku tal-proġett.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

L-arkitettura ġenerali tal-proġett ITER titlob li l-partijiet kontraenti joperaw permezz ta' Aġenziji Domestiċi.

Fl-2007, l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta skont il-Kapitolu 5 tat-Trattat Euratom kien ikkunsidrat bħala l-aktar soluzzjoni xierqa għall-operazzjoni ta' dan ir-rwol tal-Aġenzija Domestika u biex jitwettqu l-obbligi tal-Euratom lejn l-Organizzazzjoni ITER skont il-konklużjoni tal-Ftehim ITER. Minn dakinhar, din l-adegwatezza ġiet ikkonfermata minn diversi reviżjonijiet u valutazzjoni indipendenti.

Fuq il-bażi ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill, kull sena, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' finanzjament biex tittrasferixxi l-fondi tas-sena n+1 mill-baġit tal-UE għall-F4E. L-F4E tibgħat sejħa għal fondi għall-baġits amministrattivi u operazzjonali tagħha. Il-Kummissjoni kienet teħtieġ ġustifikazzjonijiet għal kull sejħa għal fondi relatati mal-baġit operazzjonali, b'mod partikolari tbassir tal-likwidità għall-kostijiet ta' funzjonament u l-kostijiet operazzjonali, li jkopru l-perjodu tat-talba għall-pagament u l-qagħda tat-Teżor tal-Fużjoni għall-Enerġija, referenza għall-impenn(i) fil-baġit li għalihom jirreferi l-pagament, ippjanar komprensiv għal kull proġett li fuqu għandu jsir pagament u l-ġustifikazzjoni rilevanti.

L-Impriża Konġunta għandha l-għarfien espert, ir-riżorsi u l-esperjenza meħtieġa biex timplimenta l-verifiki *ex ante* meħtieġa u l-kontrolli *ex post* fuq l-akkwisti. Ir-riskji jiġu evalwati regolarment u l-progress fl-eżekuzzjoni tal-ħidma u l-konsum tar-riżorsi jiġu mmonitorjati regolarment, abbażi ta' objettivi u indikaturi definiti.

Ġiet żviluppata strateġija ta' superviżjoni mill-Kummissjoni fuq l-attivitajiet F4E. Bħala parti minn din l-istrateġija, qed jiġi nneozjat Ftehim Amministrattiv ġdid li jqis il-bidliet fil-qafas legali (l-istatuti tal-F4E ġew emendati fl-2015, ġie adottat regolament finanzjarju F4E ġdid; ir-responsabbiltà għall-ITER, u għalhekk l-F4E, is-superviżjoni ġiet trasferita mid-DĠ RTD għad-DĠ ENER.) Dawn il-modifiki fil-qafas legali tal-F4E u fit-tqassim tar-responsabbiltajiet fi ħdan il-Kummissjoni jinvolve bidliet fil-modalitajiet tal-interazzjoni tal-F4E mal-Kummissjoni kif kopert fil-Ftehim Amministrattiv mal-F4E.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Hemm riskji inerenti ta' prestazzjoni finanzjarja u operazzjonali fl-F4E minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha (akkwisti kbar u kumplessi in natura b'riskji tekniċi kbar) u għan-natura u l-arkitettura tal-proġett sottostanti (involvement ta' 7 partijiet kontraenti, l-iżvilupp tal-ikbar esperiment waħdieni tal-enerġija sal-lum). Ġew stabbiliti miżuri għall-monitoraġġ u l-kontroll aħjar tat-tħaddim tal-F4E sabiex tittaffa din is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni flimkien mal-F4E se tkompli tidentifika r-riskji relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, b'mod partikolari f'termini ta' kostijiet, u se tieħu l-miżuri l-iktar xierqa sabiex timmaniġġa u ttaffi dawn ir-riskji.

Id-DĠ ENER (D4) żviluppa metodoloġija komprensiva tal-valutazzjoni tar-riskju bil-ħolqien ta' reġistru tar-riskju aġġornat kull 3 xhur u pjan ta' ġestjoni tar-riskju biex jimmonitorja r-riskji ewlenin li jistgħu jfixxlu l-kisba tal-Ewwel Plażma sal-2025. Tali monitoraġġ tar-riskju għandu jwassal lill-Kummissjoni biex tirreaġixxi b'mod proattiv għad-dewmien, kostijiet żejda jew avvenimenti negattivi oħra li jistgħu jdedmu l-kontribuzzjoni tal-Euratom.

Fl-2018, l-F4E se tirrevedi l-qafas ta' kontroll intern tagħha u se tqis il-bidliet intervenuti fil-livell tal-Kummissjoni.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Fil-livell tal-Kummissjoni, il-kost tal-kontroll marbut mas-sorveljanza tal-proġett ITER u tal-operazzjonijiet tal-F4E jibqa' baxx meta mqabbel mal-valur tal-fondi ġestiti. Fl-2016, dan il-kost ġie stmat għal 0,31 %, u 0,28 % fl-2017, inkluż il-kost biex tinżamm unità apposta fid-DĠ ENER, is-superviżjoni tal-ġestjoni, u l-appoġġ riċevut minn funzjonijiet orizzontali. Dan il-kost jista' jiżdied xi ftit fis-sin li ġejjin biex jirrifletti s-superviżjoni miżjuda, il-ġestjoni mtejba tar-riskju u l-evoluzzjoni tal-kompiti hekk kif il-progress tal-proġett ikompli. Ir-riskju ta' żball assoċjat mal-amministrazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-Impriża Konġunta huwa minimu.

Fil-livell ta' entità delegata, l-F4E għadha ma żviluppatx metodoloġija biex twettaq il-valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli jew il-livell mistenni ta' żball. Minkejja dan, ta' min isemmi li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dejjem tat opinjoni mingħajr riżervi lill-F4E dwar l-opinjoni vera u ġusta tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi. Meta d-DĠ BUDG jagħti l-metodoloġija l-aktar riċenti fl-aħħar tal-2018, id-DĠ ENER għandu jiżgura li l-F4E twettaq il-valutazzjonijiet meħtieġa.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett u tal-baġit tal-ITER huwa impenjat li jiġġieled kontra l-frodi f'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-frodi COM(2011)376 tal-24 ta' Ġunju 2011 u bir-reviżjoni li jmiss ta' din l-istrateġija kontra l-frodi

Fil-livell tal-Kummissjoni, id-DĠ ENER jiżviluppa u jżomm l-istrateġija tiegħu kontra l-frodi, ibbażata fuq proċess speċifiku ta' valutazzjoni tar-riskju. Il-miżuri meħtieġa jittieħdu fir-rigward tal-għarfien, il-valutazzjoni tar-riskji, informazzjoni dwar il-persunal, kooperazzjoni ma' entitajiet fdati u kooperazzjoni mal-OLAF. Din l-istrateġija hija riveduta kull sentejn sa tliet snin, l-aħħar darba f'Diċembru 2017.

Il-monitoraġġ amministrattiv tal-kuntratti, l-għotjiet u l-pagamenti relatati jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-F4E.

Il-Kummissjoni u l-F4E jqisu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea u l-Artikolu 53(a) tar-Regolament Finanzjarju.

L-F4E tiżviluppa strateġiji *ex post* biex tivvaluta l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

L-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) igawdi mill-istess setgħat fir-rigward tal-F4E u l-persunal tagħha, kif igawdi fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Ta' min isemmi li fost il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet:

- L-F4E għandha awditur intern li jirrevedi fuq bażi permanenti l-karatteristiċi differenti tas-sistema ta' kontroll intern;
- Is-sistema ta' kontroll intern tal-F4E tiġi riveduta regolarment mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni;
- L-F4E hija soġġetta kull sena għall-awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-fehma vera u ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti (dħul u nfiq);
- L-F4E hija soġġetta kull sena għall-proċeduri ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-UE.

L-F4E żviluppat Strateġija Kontra l-Frodi li ġiet approvata mill-Bord tat-Tmexxija tagħha f'Ġunju 2015. L-għan ġenerali huwa li jitjiebu l-prevenzjoni, l-iskoperta u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet tal-frodi, u li jiġu segwiti deterrenti u riparazzjoni adegwati, b'sanzjonijiet proporzjonati u dissuażivi. L-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-F4E ssaħħa l-miżuri adottati li jipprevjenu u jimmaniġġaw konflitti ta' interessi fi ħdan l-F4E u hija integrata fil-qafas legali usa' tal-F4E li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE u tiġġieled il-frodi, kif stipulat fl-Artikoli 5a u 5aa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-F4E.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġjali	Diff./Mhux diff ¹⁷ .	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA ¹⁸	mingħand il-pajjiżi kandidati ¹⁹	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
	01 01 04 01 01 04 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-programm ITER 01 01 04 02 Persunal estern li jimplimenta l-programm ITER 01 01 04 03 Infq ieħor tal-ġestjoni tal-Programm ITER 01 04 01 04 01 Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva 01 04 02 Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) — Nefqa operazzjonali	Mhux diff. Mhux diff. Mhux diff. Diff. Diff.	LE	LE	IVA	IVA

¹⁷ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁸ L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁹ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa²⁰

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali²¹	1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Digiali
---	----------	-----------------------------------

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
01 01 04 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplementaw il-programm ITER	Impenji = Pagamenti	(1)	9,257	9,442	9,631	9,824	10,020	10,220	10,425		68,819
01 01 04 02 Persunal estern li jimplementa l-programm ITER	Impenji = Pagamenti	(1)	0,314	0,320	0,327	0,333	0,340	0,347	0,354		2,335
01 01 04 03 Infq ieħor tal-ġestjoni tal-Programm ITER	Impenji = Pagamenti	(1)	1,500	1,530	1,560	1,592	1,624	1,656	1,689		11,151
01 04 01 Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER - Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva	Impenji = Pagamenti	(1)	65,000	66,000	67,000	69,000	70,000	71,000	73,000		481,000
01 04 02 Impriża Konġunta Ewropea ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) — Nefqa operazzjonali	Impenji	(2)	858,081	690,463	1,024,144	791,024	664,205	842,685	636,093		5,506,695
	Pagamenti	(3)	209,304	520,061	538,856	647,466	697,841	800,512	811,667	1,280,987	5,506,695
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+2	934,152	767,755	1 102,662	871,773	746,189	925,908	721,561		6,070,000
	Pagamenti	=1+3	285,375	597,353	617,374	728,215	779,825	883,735	897,135	1,280,987	6,070,000

²⁰

It-totali jaf ma jaqblux bl-eżatt minhabba l-arrotondament

²¹

L-Artikolu 01 01 04 jinkludi assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa fl-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (preċedement linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	Amministrazzjoni Pubblika Europea
--	----------	--

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(1)									
	Pagamenti	(2)									
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm ²²	Impenji = Pagamenti	(3)									
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3									
	Pagamenti	=2+3									

²² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	Amministrazzjoni Pubblika Europea
--	----------	-----------------------------------

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani										
Nefqa amministrattiva oħra										
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)									

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	934,152	767,755	1 102,662	871,773	746,189	925,908	721,561		6,070,000
	Pagamenti	285,375	597,353	617,374	728,215	779,825	883,735	897,135	1,280,988	6,070,000

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 7²³ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	9,571	9,762	9,958	10,157	10,360	10,567	10,779	71,154
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	1,500	1,530	1,560	1,592	1,624	1,656	1,689	11,151
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	11,071	11,292	11,518	11,749	11,984	12,223	12,468	82,305

TOTAL	11,071	11,292	11,518	11,749	11,984	12,223	12,468	82,305
--------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------

²³

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni							
Delegazzjonijiet							
Riċerka	61	61	61	61	61	61	61
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED²⁴							
Intestatura 7							
Iffinanzjati mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid- Delegazzjonijiet						
Iffinanzjati mill- pakkett tal- programm ²⁵	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid- Delegazzjonijiet						
Riċerka		4	4	4	4	4	4
Oħrajn (speċifika)							
TOTAL							

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji. In-numru ta' persunal meħtieġ għal-Impriża konġunta tal-F4E fosthom uffiċjali hu ppreżentat fil-punt 3.2.2.2

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-persunal li jaħdem fil-kwartieri ġenerali huwa responsabbli għad-definizzjoni u s-segwitu sussegwenti tal-attivitajiet kemm mill-aġenzija domestika f'Barcellona (F4E) kif ukoll mill-proġett ITER fejn il-Kummissjoni hija rappreżentanta tas-sħubija Ewropea.
Persunal estern	Il-persunal li jaħdem fil-kwartieri ġenerali huwa responsabbli għad-definizzjoni u s-segwitu sussegwenti tal-attivitajiet kemm mill-aġenzija domestika f'Barcellona (F4E) kif ukoll mill-proġett ITER fejn il-Kummissjoni hija rappreżentanta tas-sħubija Ewropea

3.2.2.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani fl-F4E

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Persunal permanenti	51	51	51	51	51	51	51

²⁴ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

²⁵ Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

li minnhom AD	40	40	40	40	40	40	40
li minnhom AST	11	11	11	11	11	11	11
li minnhom Ast-sc							
Aġenti temporanji	229	229	229	221	213	211	211
li minnhom AD	202	202	202	194	186	184	184
li minnhom AST	27	27	27	27	27	27	27
li minnhom Ast-sc							
Aġenti kuntrattwali	172	172	172	165	159	157	157
Total	452	452	452	437	423	419	419

3.2.2.3 – Impriża Konġunta F4E – tqassim skont il-grupp ta' funzjonijiet tal-Aġenti kuntrattwali 2021-2027

Aġenti kuntrattwali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Grupp ta' funzjonijiet IV	98	98	98	91	85	83	83
Grupp ta' funzjonijiet III	55	55	55	55	55	55	55
Grupp ta' funzjonijiet II	19	19	19	19	19	19	19
Grupp ta' funzjonijiet I							
Total	172	172	172	165	159	157	157

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament ²⁶	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☒

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁷						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu 6XXX ²⁸	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Linji baġitarji 01 01 04, 01 04 01 u 01 04 02

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Mhux magħruf. Jiddependi minn qbil ġdid li jrid jiġi stabbilit mal-Iżvizzera għall-perjodu 2021-2027. Fil-każ ta' konferma tal-Brexit u r-Renju Unit jibqa' sieħeb fil-programm ITER, il-kontribuzzjoni eventwali tiegħu għandha tiġi reġistrata bħala dħul assenjat għal skop speċifiku (minn pajjiżi terzi).

²⁶ Minbarra l-finanzjament mill-baġit tal-UE, Franza, bħala Stat Ospitanti tal-proġett, bħalissa tikkontribwixxi direttament fil-baġit tal-F4E (Fużjoni għall-Enerġija) b'madwar 20 % tal-kontribuzzjoni tal-Euratom. Barra minn hekk, kull sena, il-Membri F4E jħallsu kontribuzzjoni ta' sħubija lill-Impriża Konġunta. Dan id-dħul mill-kofinanzjament huwa reġistrat direttament fil-kontijiet tal-F4E u ma jiġix inkluż fid-dħul u l-infiq tal-baġit tal-UE.

²⁷ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

²⁸ L-Iżvizzera u eventwalment ir-Renju Unit.

